

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 905/2010

tal-11 ta' Ottubru 2010

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1580/2007 fir-rigward tal-livelli tal-iskattar ta' dazji addizzjonali fuq ħjar, qaçoċċ, klementin, mandolin u larinġ

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jstabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ⁽¹⁾, partikolarment l-Artikolu 143(b), flimkien mal-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1580/2007 tal-21 ta' Diċembru 2007 li jstabbilixxi regoli ta' implimentazzjoni tar-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2200/96, (KE) Nru 2201/96 u (KE) Nru 1182/2007 fis-settur tal-frott u ħxejjex ⁽²⁾ jipprovdi għal sorveljanza tal-importazzjonijiet tal-prodotti elenkati fl-Anness XVII għalih. Dik is-sorveljanza għandha titwettaq skont ir-regoli stabbiliti fl-Artikolu 308d tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 tat-2 ta' Lulju 1993 li jiffissa d-dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jstabbilixxi il-Kodiċi Doganali Komunitarju ⁽³⁾.

- (2) Għall-finijiet tal-Artikolu 5(4) tal-Ftehim dwar l-Agricoltura ⁽⁴⁾ konkluż matul ir-Rawd tal-Urugwaj tan-negozjati kummerċjali multilaterali u fid-dawl tal-aħħar dejta disponibbli għall-2007, 2008 u 2009, għandhom jiġu aġġustati l-livelli tal-iskattar ta' dazji addizzjonali fuq ħjar, qaçoċċ, klementin, mandolin u larinġ.

- (3) Għalhekk ir-Regolament (KE) Nru 1580/2007 għandu jiġi emendat kif xieraq.

- (4) Il-miżuri pprovdu f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat ta' Gestiġni għall-Organizzazzjoni Komuni għas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness XVII għar-Regolament (KE) Nru 1580/2007 għandu jinbidel bit-test stipulat fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Għandu jibda japplika mill-1 ta' Novembru 2010.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Ottubru 2010.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

⁽¹⁾ ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 350, 31.12.2007, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 253, 11.10.1993, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU L 336, 23.12.1994, p. 22.

ANNEX

"ANNEX XVII

DAZJI ADDIZZJONALI TA' IMPORTAZZJONI TITOLU IV, KAPITOLU II, TAQSIMA 2

Mingħajr preġudizzju għar-regoli li jirregolaw l-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, id-deskrizzjoni tal-prodotti hija kkunsidrata li hija indikativa biss. L-ambitu tad-dazji addizzjonali għall-finijiet ta' dan l-Anness huwa ddeterminat mill-ambitu tal-kodiċijiet NM kif ikunu jeżistu fiż-żmien tal-adozzjoni ta' dan ir-Regolament.

Numru tal-ordni	Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Perjodu tal-applikazzjoni	Livell tal-iskattar (ftunnellati)
78.0015	0702 00 00	Tadam	Mill-1 ta' Ottubru sal-31 ta' Mejju	1 215 717
78.0020			Mill-1 ta' Ġunju sat-30 ta' Settembru	966 474
78.0065	0707 00 05	Ħjar	Mill-1 ta' Mejju sal-31 ta' Ottubru	12 303
78.0075			Mill-1 ta' Novembru sat-30 ta' April	33 447
78.0085	0709 90 80	Qaqoċċ	Mill-1 ta' Novembru sat-30 ta' Ġunju	17 258
78.0100	0709 90 70	Zukkini	Mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru	55 369
78.0110	0805 10 20	Larinġ	Mill-1 ta' Diċembru sal-31 ta' Mejju	368 535
78.0120	0805 20 10	Klementin	Mill-1 ta' Novembru sal-aħħar ta' Frar	175 110
78.0130	0805 20 30 0805 20 50 0805 20 70 0805 20 90	Mandolin (inklużi l-varjetajiet tangerines u satsumas); wilkings u ibridi simili taċ-ċitru	Mill-1 ta' Novembru sal-aħħar ta' Frar	115 625
78.0155	0805 50 10	Lumi	Mill-1 ta' Ġunju sal-31 ta' Diċembru	329 903
78.0160			Mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Mejju	92 638
78.0170	0806 10 10	Għeneb tal-mejda	Mill-21 ta' Lulju sal-20 ta' Novembru	146 510
78.0175	0808 10 80	Tuffieħ	Mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Awwissu	1 262 435
78.0180			Mill-1 ta' Settembru sal-31 ta' Diċembru	95 357
78.0220	0808 20 50	Lanġas	Mill-1 ta' Jannar sat-30 ta' April	280 764
78.0235			Mill-1 ta' Lulju sal-31 ta' Diċembru	83 435
78.0250	0809 10 00	Berquq	Mill-1 ta' Ġunju sal-31 ta' Lulju	49 314
78.0265	0809 20 95	Ċiras, ħlief għaċ-ċiras qares	Mill-21 ta' Mejju sal-10 ta' Awwissu	90 511
78.0270	0809 30	Ħawħ, inklużi nuċiprisk	Mill-11 ta' Ġunju sat-30 ta' Settembru	6 867
78.0280	0809 40 05	Għanbaqar	Mill-11 ta' Ġunju sat-30 ta' Settembru	57 764"